**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Numru 663/02 AJD**

**Christopher Tonna**

**vs**

**Yose Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm283.50) rappresentanti ammont dovut ghal servizzji professjonali rezi fuq l-inkarigu tal-konvenut kif ukoll spejjes sbursjati ghalih.
Bl-ispejjez, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm283.50), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**